# Il-Mellieħa u l-Baħar li jseddaqha

*miktub minn David Bartolo*

Il-Mellieħa u l-baħar. Kemm ġrajjiet u kemm tifkiriet? Il-Mellieħa maqtugħa għaliha weħidha speċjalment fiż-żmien mbiegħed, kellha biża' kbir mill-baħar li jdawwar sew dawn l-inħawi minħabba d-daħliet u qaliet kennin li tipposedi fit-territoju tagħha. Dan il-biża' l-iktar li nferrex kien minħabba li f'dawn il-bajjiet, il-Mislem kien jista' jinżel bla xkiel ta' xejn u jisraq kull ma kien ta' siwi għalih jew għal artu. Maż-żmien dan il-biża' ġie mxekkel minn bini ta' difiża ta' kull tip u sura, li llum dawk il-binjiet li ma sfawx mġarrfa mill-għadu, bosta minnhom sfaw mitluqa u mkissrin mid-dixxindenti ta' dawk li bnewhom bħala ilqugħ mill-għadu li hedded lilhom u lil arthom. Tajjeb ukoll ngħidu li l-baħar ta ukoll l-isem lill-Mellieħa, għax il-melħ li minnu ħareġ isem il-Mellieħa hu sors naturali prim tal-baħar.

Biex nkunu eżatti mill-ewwel, dan l-artiklu umli mhux ħa jiffoka fuq id-difiżi li nbnew matul iż-żmien ta' katina li ma spiċċat kważi qatt ta' ħakkiema barranin li ġew u għamlu li riedu u ġegħlu lill-antenati tagħna jkunu sefturi tagħhom, kważi dejjem kontra qalbhom. Lanqas mhu ħa nikteb fuq il-qerda tal-baħar li kważi qridnieh bl-hekk imsejjaħ żvilupp, meta suppost kellna nippresservawh biex, fost raġunijiet oħra, nattiraw iktar il-munita barranija f'pajjiżna. Inħallu dan warajna b'dispjaċir. Dan l-artiklu se jimragħ l-iktar fuq il-kosta Melleħija, kosta li kważi ma tispicca qatt. Kosta b'tant ismijiet, tant ġrajjiet u tant tifkiriet. Ismijiet b'konnessjoni l-iktar mas-sajd u l-ħut u l-ġeografija diversa. Ġrajjiet li għollew lill-Mellieħa minn post ta' stkerriħ għal post imfittex l-iktar minħabba dan l-imbierek ta' baħar. Tifkiriet li sawru il-Mellieħa ma' dan ir-riżors li l-Ħallieq ipprovdilna biex nużawh u nisfruttawh sew. Wieħed mill-ftit riżorsi li jippossjedi ġensna li rabat l-istorja u l-ġeografija ta' din il-qoxra flimkien. Avolja qoxra, l-barrani dejjem tqabad għaliha għax, għalkemm fqira mill-ġid, sinjura fil-posizzjoni strateġika tagħha.

Kif għedt diġa', din il-kitba se ddur sew il-kosta u tfittex sew minn fejn setgħu ngħataw l-ismijiet, għalkemm dan mhux xi studju toponomiku, imma anki se jolqot xi ftit ukoll xi ġrajjiet u tifkiriet ta' dawn l-inħawi. Mela ejja ħa nibdew dan il-vjaġġ flimkien. Dan il-vjaġġ hu kemmxejn twil u skabruż, l-iktar fejn hemm il-blat ta' l-irdumijiet, u jimraħ fuq il-baħar fejn jiġġieldu ta' spiss l-iktar fil-qilla tax-xitwa.

L-ewwel art li nsibu fit-territorju tal-Mellieħa, hija l-bajja ta' Għajn Tuffieħa. Din il-bajja li isimha propja hu l-Bajja tal-Mixquqa, hija waħda mill-iktar bajjiet popolari u mfittxija fil-Gżejjer Maltin. Għalkemm hemm marbut dan il-fenonimu ma' din ix-xtajta, ftit jafu li din il-bajja għandha storja kbira u tat kontribut siewi lil artna fin-nisġa ta' ġrajjietha. Din il-bajja kellha u għandha bosta ismijiet. L-isem antik huwa l-Mixquqa. Minn fejn ġejja din il-kelma? Tgħid mill-kelma xaqq? Forsi għax għandha forma ta' bajja mxaqqa bejn l-irdumijiet ta' Blat il-Mogħża, li fuq dan is-sies hemm jifrex saħħtu torri li bnieh il-Gran Mastru Lascaris(1636-1657) fis-sena 1647 [1], u l-irdum tan-Naħħalija, li jiġi taħt il-Mogħxa ta' Għajn Tuffieħa fil-Lvant ta' Rdum il-Mejjiesa. L-isem Naħħalija jagħti ndikkazzjoni li dan il-post kien jew kollu naħal jew inkella kollu palm. Il-Mejjiesa hija siġra li minnha kienu jagħmlu x-xehed fuq il-bhejjem. Għajn Tuffieħa jista' kien xi wied għax il-kelma għajn fl-antik kienet tintuża wkoll biex tirreferi għal xi wied li jista' kien mimli bit-tuffieħ jew tadam. Għaliex seta' kien tadam u mhux tuffieħ? L-antiki, speċjalment il-gabillotti jew il-bdiewa, kienu jirreferu għat-tadam bħala tuffieħ. L-Ingliżi tawha l-isem ta' *Military Bay*, l-iktar minħabba l-kamp ta' taħriġ li bnew fuq ir-riħ ta' din il-bajja. Tawha wkoll l-isem ta' *Golden Sands*, l-iktar minħabba r-ramel deħbieni ta' din il-bajja dejjem maħsul bil-mewġ u mikul bix-xemx. Kif għedna, din il-bajja għandha ħafna x'tirrakonta. Din il-bajja kienet tintuża mill-messaġġiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann bejn il-Birgu u Sqallija fl-Assedju il-Kbir ta' l-1565. Fix-xaqliba ta' din il-bajja seħħ kraxx ta' ajruplan militari Ngliż fis-snin ħamsin waqt taħriġ għall-kriżi tas-Suez. Fatt kurjuż li nsibu marbut ma' din il-medda ta' art hu li l-Gran Mastru De Rohan (1775-

1797) taha bħala titlu ta' konti ta' dan il-qasam bħala fewdu lil Ferdinand Theuma Castelletti fis-7 ta'Jannar 1792 [2]. Dan Castelletti nerġgħu nitaqgħu miegħu meta nħatar deputat ta' l-Assemblea Nazzjonali taħt il-kmand ta' Manuel Vitale fit-taqbida kontra l-Franċiżi'[3].

Minn Għajn Tuffieħa sax-xaqliba taċ-Ċirkewwa ma nsibu kważi xejn għajr irdumijiet, minbarra bajja waħda biss, dik tax-Xquq. Bosta huma l-irdumijiet f'din ix-xaqliba li jħarsu lejn il-Punent ta' Malta. Fost dawn insibu Ras il-Waħx, Ras in-Nixfa, Irdum id-Delli, il-Qammieħ, il-Ħarq tan-Niġes, Rdum l-Għawseġ, Irdum l-Ikrah, iċ-Ċumnija, il-Gudja u d-Dahar. Ras il-Waħx, ismu miegħu, għaliex qisu ponta fil-baħar u jidher jwaħħax l-inħawi. Ras in-Nixfa għax nieqes mill-ilma. Id-Delli għax fil-għodu ma jarax xemx u jkun hemm id-dell. Il-Qammieħ għax fl-antik bejn hawn taħt it-Torri l-Aħmar u l-Għadira kien jitkabbar ħafna qamħ. Il-Ħarq tfisser xaqq jew qasma u Niġes hu xi ħaġa mniġġsa jew xi ħaġa tniġġes. Irdum l-Għawseħ tfisser xitla b'riħa ħelwa li tagħmel frott irqiq qisu tut f'April u f'Mejju. Irdum l-Ikrah ismu miegħu u ċ-Ċumnija hija msemmija hekk għaliex hemm għar li għandu l-bokka 'l fuq minn wiċċ il-baħar u meta jkun baħar qawwi, il-mewġ jidħol bil-qawwa kollha ġo fih u minn dik il-bokka jtajjar l-ilma f'forma ta' duħħan. Id-Dahar jista' ismu ġie mnissel hekk għax dahar tfisser art kollha ħamrija biex tintuża bħala mixtla. Fl-aħħar għandna l-Gudja. Gudja tfisser għalqa fuq għolja. Bl-Għarbi, Kudja tfisser ġebla jew blata kbira. Barra din il-Gudja u gudjiet oħra f'Malta u Għawdex hemm ukoll Torre de Cudia fi Trapani Sqallija, Alcudia fi Spanja, u oħrajn fl-Afrika ta' Fuq.

F'din ix-xaqliba semmejna l-bajja tax-Xquq. Din tħares lejn il-Majjistral tal-Mellieħa u tiġi bejn Qasam Barrani u l-Gudja tal-Qammieħ. Din il-bajja jew qala kellha u għad għandha bosta ismijiet fosthom il-Prajjiet, ix-Xquq,

*Anchor Bay* u *Popeye Village*. Dawn l-ismijiet kollha għandhom xi sinifikat partikolari marbut ma' din id-daħla. Il-Prajjiet ġejja mill-kelma mkissra Taljana "prato" li tfisser art mergħa fejn jirgħu l-annimali. *Anchor Bay* tfisser ħafna għal din il-bajja. Dan l-isem hu konness ma' sajda tradizzjonali Melleħija li llum spiċċat għal kollox - it-Tunnara. Fl-imgħoddi l-Mellieħa kienet magħrufa għas-sajd tat-tonn u għad fadlilna għajta li kważi ntesiet għal kollox: "Tal-Mellieħa t-tonn". Dan is-sajd fil-Mellieża żviluppa fi żmien il-Gran Mastru La Vallette (1557-1568) u ssaħħaħ sew fi żmien il-Gran Mastru Pinto (1741-1773) fis-sena 1748. Tant kienet industrija sinonima mal-Mellieħa li nafu li t-tunnara Zammit taw xi għotjiet ġenerużi għall-bini tal-knisja tal-Mellieħa (1881-1898)[4]. B'konnessjoni ukoll ma' din is-sajda nsibu fil-Mellieħa Triq it-Tonn. *Anchor Bay* oriġinat minħabba l-ankri kbar tas-sajjieda tat-Tunnara li kienu jitħallew fuq ir-ramel ta' din il-bajja u għalhekk l-Ingliżi bdew isejħulha *Anchor Bay*. *Popeye Village* żviluppa fl-aħħar tas-snin Sebgħin u fil-bidu tas-snin Tmenin, meta ġie mtella' villaġġ ta' l-injam biex jinħadem film ta' Popeye f'din il-bajja pittoreska minn kumpanija Amerikana fl-1979. Illum dan l-isem biss għadu jiġi identifikat ma' din il-bajja għax l-ismijiet l-oħra kważi ntesew għal kollox, b'ħasra kbira bħal ma ntesiet is-sajda tat-tunnara.

Malli nħallu din ix-xaqliba, tibda l-peninsula tal-Marfa. Din hi l-aħħar art ta' Malta min-naħa tat-Tramuntana u l-eqreb lejn il-gżira ta' Għawdex. Bejn il-Marfa u Ħondoq ir-Rummien f'Għawdex insibu tul ta' 4 km u 310m ta' baħar. Qabel is-seklu sittax, din il-peninsula kellha l-isem Grieg ta' Chersoneso li tfisser peninsula. Għaliex kellha isimha bil-Grieg? Ma tantx insibu postijiet b'ismijiet oriġinali Griegi f'Malta. Tgħid f'din il-medda ta' art, il-Biżantini li kienu jaħkmu lil Malta bejn is-seklu sitta u s-sena 870, kellhom xi port jew xi użu ieħor għaliha peress li dawn kienu jitkellmu bil-Grieg. Marfa bl-Għarbi tfisser port jew post fejn jillandjaw. Insibu Marfa oħra fi Sqallija, f'Messina. Minħabba dawn l-ismijiet, tgħid dan il-post minn dejjem kien iservi ta' port?

Malli nħallu l-irdumijiet ta' Qassisu u ċ-Ċirkewwa nsibu bajja żgħira magħrufa bħala *Paradise Bay* jew il-Bajja taċ-Ċirkewwa. Ċirkewwa tfisser imdawra, għaliex kennija meta l-Marfa tkun bil-maltemp. Dawn l-inħawi minn dejjem servew bħala port bejn Malta u Għawdex, l-ewwel il-Marfa u, iktar tard, iċ-Ċirkewwa. Barra l-konnessjoni tal-Marfa ma' Għawdex, hemm ukoll il-konnessjoni ma' Kemmuna. Dan għax fil-Medju Evu, fuq id-dgħajsa tal-pass ta' bejn Malta u Għawdex, kienet titħallas it-taxxa tal-mogħdija. Fi żmien l-Aragoniżi, matul il-ħakma tar-re Fonzu V (1416-1458), din it-taxxa kellha tintuża biex jinbena torri fuq Kemmuna, imma dan ma seħħx ħlief fi żmien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1601-1622) fis-sena 1610. Interessanti nsemmu ukoll hawn li fil-Medju Evu, kien hawn taxxa msejħa bħala l-maħras li kienet titħallas fuq kull żewġ bhejjem biex jitħallsu l-għassiesa tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar. Il-maħras ġejja mill-kelma ħares, biex tħares.

Il-vapuri bejn Malta u Għawdex bdew jaħdmu fl-1887. Fi żmien il-ħakma Ngliża fl-1876 ġew ivvutati 40 lira biex jinbena moll fil-Marfa u fl-1923 ġew ivvutati 115 lira biex jinbena moll għall-iżbark fiċ-Ċirkewwa u ieħor

fil-Marfa. Fl-1934 ġew ivvutati 140 lira biex jinqata' l-blat biex il-passiġġieri jkunu jistgħu jinżlu mill-vapur b'inqas periklu. Naraw ukoll li fl-1938 intefqu 981 lira 10-3 biex sar breakwater u ġiet irranġata t-triq fir-Ramla tal-Bir. Fl-1977, il-vapuri ta' Għawdex bdew jużaw il-moll il-ġdid iktar komdu u spazjuż li nbena fiċ-Ċirkewwa, flok dak tal-Marfa[5]. Kienu bosta dawk il-vapuri li użaw il-moll tal-Marfa li isimhom għadu jġib nostalġija ma' l-anzjani tagħna. Kienu bosta t-traġedji li laqtu lil dawn il-vapuri jew qxur tal-baħar oħra. Hawn ħa nsemmi tlieta minnhom fil-qasir. Dawn kienu l-*Imperial Eagle* li ġie mgħarraq mill- Ġermanizi fis-6 ta' Mejju 1942 fil-port ta' l-Imġarr. Il-Banċinu li għereq f'maltempata fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Jannar 1957, l-Imġarr ukoll[6]. Kien hemm ukoll it-traġedja ta' Ħondoq ir-Rummien meta għereq luzzu li kien telaq mill-Marfa fejn mietu 23 ruħ u salvaw 4 biss, nhar it-30 ta' Ottubru 1948[7].

Nerġgħu nduru sew fuq il-peninsula tal-Marfa u ngħaddu għax-xaqliba ta' lvant; l-Aħrax. Tajjeb ukoll insemmu li peress li dan l-ilsien ta' art fih ħafna daħliet kennin u ramlin, l-Ordni ta' San Ġwann bena għadd ta' fortifikazzjonijiet għad-difiża. F'din il-linja nbnew xi disa' postijiet tad-difiża. Qable it-Tieni Gwerra Dinjija l-Ingliżi ukoll bnew għadd ġmielu ta' *beachposts* u *pill boxes* biex iħarsu l-inħawi f'każ ta' invażjoni.

L- Aħrax ismu miegħu għax hu mkien fejn insibu irdumijiet bi blat tal-qawwi u iebes. Hawn insibu ukoll id-Dragunara. Dan huwa għar fil-baħar li huwa meraviljuż, speċjalment meta jintlaħaq mir-raġġi tax-xemx. Dragunara fiha żewġ tifsiriet. Waħda li minħabba li meta jkun il-maltemp, il-baħar jagħmel ħafna ħsejjes u jirbombja u n-nies kienu jimmaġinaw li hemm xi dragun, u l-oħra hi li n-nies ta' l-għassa tal-kavallerija kienu jissejħu draguni u hawn, fuq dan il-post, kienet tinżamm l-għassa minn April sa Settembru, li fl-imgħoddi kien l-aktar żmien tajjeb għat-tbaħħir. Wara hawn insibu l-Irdum l-Aħrax, jew kif inhu l-aktar magħruf bħala tal-Madonna. Fuq dan is-sies kien hemm kappella tal-Kunċizzjoni li nbniet b'xi wegħda minn xi sajjied li ħeles mill-għarqa flimkien ma' sħabu. Din il-knisja maż-żmien waqgħet u fl-1961 inbniet oħra ġdida iktar 'il ġewwa. Minn hawn tibda d-daħla meraviljuża ta' l-Għadira. Hawn l-ewwel li nsibu hi Daħlet ix-Xilep, imsemmija hekk għall-ħut magħruf bħala x-xilep. Minn hawn ngħaddu għall-Irdum il-Ħmar. Dan imsemmi hekk għax f'dan il-post tidħol ħafna il-ħuta magħrufa bħala l-ħmar. Insibu wkoll il-Marbat. Dan imsemmi hekk minħabba li hawn kienu jorbtu d-dgħajjes tat-tunnara. Hemm ukoll l-Parisot, Ta' l-Imgħarrqa u Għajn Bakrat. Il-Parisot magħruf hekk minħabba li kien fi żmien il-Gran Mastru Parisot De La Vallette (1557-1568) li daħlet it-Tunnara. Tajjeb li hawn insemmu dettal żgħir, li Parisot mhux parti minn ismu, imma l-post fejn twieled fi Franza fl-1494.

Wara dawn il-postijiet nidħlu fil-bajja propja ta' l-Għadira, bajja kbira bi storja twila. Tissemma kważi f'kull fażi ta' l-istorja ta' Malta, l-aktar fl-Assedju l-Kbir meta sorġiet hawn l-għajnuna minn Sqallija taħt il-kmand ta' Don Garcia ta' Toledo f'Settembru 1565, u fit-tieni Gwerra Dinjija meta kien hemm ibbażati parti mill-*8th Army* taħt il-kmand tal-General Montgomery. Hawn ukoll parti kbira tat-truppi Franċiżi mill-kontinġent ta' Genova taħt il-kmand tal-General Baraguay D'Helliers żbarkaw fl-10 ta' Ġunju ta' l-1798. Jiddomina ukoll il-bajja nsibu t-Torri l-Aħmar jew ta' Santa Agata mibni fl-1649 mill-Gran Mastru Lascaris (1636-1657). Dettal ieħor konness ma' din il-bajja hu li hawn min isosstni li fil-Medju Evu, il-familja nobbli ta' Inguanez jew Desguanez kienu jżommu l-flotta tagħhom. Insibu fid-dokumenti li din il-familja kellha xi artijiet lejn dawn in-naħat fosthom Miżieb ir-Riħ (il-Miżieb?)[4]. Tgħid ukoll hemm xi konnessjoni bejn ta' Inguanez u Ġnien Ingraw?

Minn hawn naslu Għajn Żejtuna, imsemmi hekk għax fl-imgħoddi kien hemm ħafna siġar taż-żebbuġ, u mbagħad insibu Ras il-Griebeġ, ħut li jidħol fl-inħawi. Hawn jibda Selmun, l-aħħar territorju tal-Mellieħa min-naħa ta' Lvant. Territorju mifrux fuq bosta widien u qaliet, territorju bi storja kbira u mqanqla. L-ewwel daħla ta' din l-art hija l-Imġiebaħ, imsemmi hekk għan-naħal. Fuq din il-qala' nsibu l-irdum ta' Għajn Ħadid, imsemmi hekk għax hawn min jgħid li kien f'dan il-post kien hemm xi nixxiegħa ta' l-ilma li kien ikun fih il-ħadid. Fuq dan l-irdum għad fadal ir-rovini tat-torri li bena l-Gran Mastru De Redin (1657-1660), fil-1657 li waqa' b'terremot f'Ottubbru 1856.

Ngħaddu għat-Taqtigħat u niġu għall-blata l-bajda taħt il-blata u nduru għas-Salini. Is-Salini, ismu miegħu sinonimu mal-Mellieħa u l-melħ. Timraħ sewwa fuq dawn l-inħawi nsibu l-fortizza ta' Selmun jew *Fort Campbell* mibnija fil-1937 waqt il-kriżi ta' l-Abissinja (illum Etjopja) u ssemiet għall-Ġeneral Sir David G. Campbell li kien Gvernatur ta' Malta bejn l-1931 u l-1936. Bi dritt hawn insibu il-gżejjer ta' San Pawl, il-post fejn jaħsbu li San Pawl nkalja. Dawn il-gżejjer huma sinonimi ma' Selmu, kemm f'dik li hi storja kif ukoll ġeografija. Bejn Selmun u dawn il-gżejjer kull ma hemm hu kanal żgħir u dejjaq. F'dan il-kanal l-Ingliżi fl-aħħar gwerra kienu għarrqu d-*Destroyer Kingston*

biex jinblukkaw dan il-font u jkunu jistgħu jilqgħu aħjar minn fuq il-baħar l-attakki ta' l-għadu. Insibu ukoll Irdum il-Bies, it-Trunċiera u Ras il-Miġnuna. Il-Bies hu speċi ta' falkun u t-Trunċiera hu fejn nsibu it-Trunċiera Espina, li bena De Redin fl-1658. Hawn insibu l-aħħar qala' f'din ix-xaqliba li hi fil-limiti tal-Mellieħa. Din hi il-Mistra li tfisser post mistur, għalkemm hu daqsxejn mistur qeda dmiru sew fin-nisġa ta' ġensna. Ta sehmu fil-bini tal-*breakwater* tal-Port il-Kbir fl-1903 fejn il-blokki tiegħu tlestew f'dan il-post. Ta sehmu ukoll fl-istorja ta' l-avvjazzjoni ta' Malta peress li kien bażi tas-*Sea Planes* kemm qabel il-gwerra meta kienet tużah il-kumpanija Taljana Ala Littoria u kemm fil-gwerra meta użah il-militar. Din il-bajja ġiet attakkata darbtejn mill-għadu, fis-7 u fl-10 ta' Marzu 1941.

Hawn tispiċċa l-istorja tagħna. Tispiċċa bħala vjaġġ żgħir mhux bħala glorja jew tkomplija. Vjaġġ żgħir bi ftit tentufiet fuq l-aspetti li nsibu jagħqdu il-Mellieħa mal-baħar. Dan l-artiklu umli tiegħi hu biss ftit mill-istorja u l-ġeografija u t-toponomija marittima li tippossjedi l-Mellieħa. Nispera li dan l-artiklu ikun il-prekursur ta' iktar ġabra ta' tagħrif fuq dan is-suġġett tant vast. L-iktar li nixtieq hu li l-ġentili qarrejja japprezzaw iktar din il-ħolqa bejn storja u ġeografjia u toponomija, u nipproteġu dak li fadal. Inħeġġeġ lil kulħadd, speċjalment liż-żgħar, biex jitgħallmu u jieħdu bis-serjetà iktar l-istorja ta' artna. Pajjiż bla storja hu bħal siġra mingħajr għeruq; pajjiż bla storja hu pajjiż bla ħajja. L-istorja tħeġġek iktar tapprezza x'għamlu l-antennati tagħna, u tgħina nifhmu li dak li għamlu għamluh għalina, u għalhekk jiddependi minna li nsalvawh għax hu parti mill-wirt tagħna lkoll.

Nixtieq nirringrazzja lil kull min ħa paċenzja u qara dan l-artiklu. Nagħmel ukoll appell biex min jixtieq jgħini biex tkompli tinġabar l-istorja tal-Mellieħa, jikkuntatjawni permezz ta' l-*email* daveli@keyworld.net. Grazzi bil-quddiem lil kulħadd.

**Referenzi:**

1 David Bartolo. Id-difiża militari madwar il-Mellieħa, matul iż-żminijiet. Leħen l-Imperial, Vitorja 1999.
2 Joseph Galea . Malta Timeline.
3 Carmelo Testa. Miż-żewġ naħat tas-swar 1979.
4 Kunsill Lokali Mellieħa. Il-Mellieħa mal-milja taż-żmien 2002.
5 Anton Gauci. Pajjiżi taħt l-Ingliżi.
6 Anton Gauci. Ħwejjeġ li rajna 1986.
7 Joseph Galea. Art Twelidi 1984.

**Kotba oħra:**

*The Knights of Malta*. Joseph Attard 1992.
*Malta taħt l-Ingliżi*. Jesmond Grech 1997.
*Selmun u l-Inħawi*. Paul P. Borg 1989.